II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/793

tas-26 ta' Marzu 2021

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2019 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim ta' sħubija ġdid dwar is-sajd sostenibbli u protokoll ta' implimentazzjoni ġdid tiegħu.

(2) In-negozjati ntemmu b'suċċess bl-inizjalar, fil-11 ta' Jannar 2021, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija") l-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ("il-Protokoll").

(3) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra [1], li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2007.

(4) L-għan tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni, lill-Gvern tad-Danimarka u lill-Gvern ta' Greenland jaħdmu flimkien aktar mill-qrib sabiex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Greenland.

(5) Sabiex jiġi żgurat bidu bla dewmien tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Sħubija u mal-Artikolu 12 tal-Protokoll, jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jiġu applikati fuq bażi proviżorja sa mid-data tal-iffirmar tagħhom.

(6) Għaldaqstant, il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll jenħtieġ li jiġu ffirmati u applikati fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tagħhom,

[1] ĠU L 172, 30.6.2007, p. 4.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija") u l-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ("il-Protokoll") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dawk l-atti ([2]).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Skont l-Artikolu 15 tiegħu, il-Ftehim ta' Sħubija għandu japplika b'mod proviżorju sa mid-data tal-iffirmar tiegħu ([3]), sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Skont l-Artikolu 12 tiegħu, il-Protokoll għandu japplika b'mod proviżorju sa mid-data tal-iffirmar tiegħu ([3]), sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu..

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

([2]) Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) Id-data li minnha ser jibdew japplikaw b'mod proviżorju l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.